Minuti tal-Laqgħa Nru. 32 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 25 ta' Novembru 2009 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Is-Sur Victor Caruana |
| **Assenti:** | Dr. Frank Psaila |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenza għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders
5. Mozzjonijiet
6. Skema Attivitajiet Kulturali
7. Ħlasijiet
8. Aġġornament

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 31 li ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna issekondata mill-Kunsilliera Luċia Massa wara li saret korrezzjoni għal para. 1.i.vi fuq talba tal-Kunsillier Joseph Piscopo. Is-Sur Piscopo qal li hu kien favur li waqt il-laqgħa kien isemma' l-isem Joseph Muscat, imma kien għamilha ċara li ma jaqbilx li jitniżżel fil-Minuti.

2. **RIFERENZA GĦALL-MINUTI**

2.1 Riferenza għall-minuti ma kienx hemm.

3. **KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sal-25 ta' Novembru 2009, fosthom;

a) E-mail mid-DGL li tinforma lill-Kunsill li fil-kontijiet tiegħu (tal-Kunsill) kien għadda l-ammont ta' €9,452 bħala *Disposal Fees* ġodda għar-rimi ta' l-iskart.

b) E-mail mid-DGL li tistieden lis-Sindki għal laqgħa fil-Berġa ta' Kastilja dwar rakkomandazzjonijiet fis-Sistema ta' Infurzar Lokali. Il-laqgħa saret fl-24 ta' Novembru 2009 fejn attenda s-Sindku.

c) Ittra mill-Mepa li tgħid illi kull min jingħata kuntratt għall-ġbir ta' skart irid ikollu l-vetturi tiegħu rreġistrati mal-MEPA bħala ''*scammels*''. Dawn iridu jkunu reġistrati bħala *''Refuse Collection Vehicles'' (RCV's)*

d) E-mail/ittra mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni li tistieden lis-Sindku għal laqgħa l-Erbgħa, 25 ta ' Novembru 2009 fis-6.00 p.m. dwar il-*Public Private Partnership* fuq it-toroq.

e) E-mail mill-Perit Charmaine Cutajar (Network Infrastructure Development & Renewal Section) dwar x-xogħol li qed isir fi Triq Anton Falzon fuq is-sistema tad-drenaġġ u t-talba tal-Kunsill biex l-awtoritajiet igħaddu lill-Kunsill il-flus tar-*reinstatement* biex minflok sempliċiment isir patching, it-triq tingħata kisja tarmak peress li bix-xogħol li sar kompliet titkisser.

f) Ittra mill-Fondazzjoni GAL XLOKK li tistieden lill-Kunsillieri għal laqgħa settorali għall-Kunsilli Lokali fir-Reġjun tax-Xlokk li se ssir il-Ġmgħa, 27 ta' Novembru 2009.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sal-25 ta' Novembru 2009.

- F’dan l-istadju s-Sindku għamel referenza għal laqgħa li saret ma’ rapprezentanti ta’ *’’Green Pak’’* bil-għan li eventwalment isiru arrranġamenti biex jieħdu ħsieb il-ġbir ta’ skart separat mil-lokalita’ tagħna. Wara li ngħata ħjiel tal-vantaġġi u l-benefiċċji li toffri din l-iskema li ma tinvolvi ebda spejjeż għall-Kunsill, il-Kunsill qabel li jsiru aktar taħdidiet ma’ *Green Pak* bil-għan li l-Kunsill jissieħeb fl-iskema. Sadattant anke l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qegħda tħeġġeġ lill-Kunsill biex jaslu fi ftehim ma’ waħda mill-iskema ta’ ġbir ta’ skart separat.

- Is-Sindku għarraf lill-Kunsill b’attivita’ li se ssir mill-Għaqda bi Bżonnijiet speċjali għall-membri tagħha u xi benefatturi ta’ l-Għaqda. Din l-attivita’ li se ssir fil-Lukanda Cevriola nhar il-Ġimgħa, 11 ta’ Diċembru se ssir bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali minflok dik li normalment issir fis-Sajf. Il-Kunsillieri kollha huma mistednin għal din l-okkażjoni.

## 4. TENDERS

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bl-offerti li daħlu għall-ħames *tenders* li nħarġu u li l-applikazzjonijiet għalihom għalqu nhar il-Ġimgħa, 20 ta’ Novembru 2009. Qal ukoll li issa jmiss li jltaqa’ il-Board ta’ Aġġudikazzjoni biex jevalwa l-offerti u jagħmel ir-rakkommandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill.

## 5. SKEMA INIZJATTIVI GĦALL-ATTIVITAJIET

5.1 Is-Sindku John Schembri qal li matul ix-xhur tas-Sajf kienet saret applikazzjoni mill-Kunsill taħt din l-iskema. Żied igħid li issa, li l-awtoritajiet għamlu l-evalwazzjoni ta’ l-applikazzjoni tal-Kunsill, għandu pjaċir jinforma lill-Kunsill li l-Board ta’ Evalwazzjoni kkonsidra l-applikazzjoni tal-Kunsill rigward l-attivita *’’Luqa at War 1939-1945’’* bħala waħda eleġibbli. Għalhekk il-Kunsill Lokali Luqa ser jingħata s-somma ta’ €5,000 f’għajnuna finanzjarja għal din l-attivita’.

## 6. *MOZZJONIJIET*

6.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Camilleri u ssekondata mill-Kunsilliera Luċia Massa li tgħid **’’li l-Kunsill japprova li ssir mixgħela ta’ toroq għal matul il-festi tal-Milied u ta’ l-Ewwel tas-Sena’’** ġiet unanimament approvata.

6.2 Mozzjoni oħra kienet dik imressqa mis-Sindku John Schembri u ssekodata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna li tgħid **’’li l-Kunsill japprova li għal żmien il-festi tal-Milied issir attivita’ soċjali għall-Kunsillieri, l-istaff u l-Ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali Luqa’’.**

6.2.i Meta tkellem fuq il-mozzjoni s-Sindku qal li kien qiegħed iressaq din il-mozzjoni minflok tal-bibita’ għax l-esperjenza wrietu li ftit huma dawk il-mistednin li jattendu għaliha. Dan apparti l-ħin u l-preparamenti għaliha u l-ispejjeż. Żied igħid li jħoss li jekk tiġi organizzata attivita’ soċjali għall-Kunsillieri, l-Istaff u l-ħaddiema l-iskop jintlaħaq aħjar.

6.2.ii Meta l-mozzjoni tressqet għall-voti, din ġiet approvata unanimament. Din l-attivita ġiet iffissata għas-27 ta' Diċembru 2009.

## 7. Ħlasijiet

7.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħħlu sal-25 ta' Novembru 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi fis-6.25 p.m. il-Kunsill ġie aġġornat għas-17 ta' Diċembru 2009.

Konfermati llum 17 ta' Diċembru 2009.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv